MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

Laqgħa b'Urġenza

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 77

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fil-Bini Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, nhar l-Erbgħa, 1 ta' Novembru, 2017 fis-6.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi - Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sa Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

AGENDA

77.1 Manutenzjoni u bini ta' Bankini u Toroq ġodda

MINUTI

Is-Sindku Stephen Sultana ppresieda l-laqgħa.

77.1 Irriżulta li t-tender li għandna skada, u sabiex niġu in regola mar-regolamenti Finanzjarji nħasset il-ħtieġa sabiex tinħareġ sejħa oħra.

Għaldaqstant, wara diskussjoni, is-Sindku ppropona li jinħareġ tender għal sentejn, b'option li jiġġedded sena, sena għal massimu ta' terminu ta' erbgħa snin. Irrimarka li l-pubbikazzjoni tat-Tender issir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Novembru, 2017 bit-terminu jiskadi nhar it-Tnejn 13, ta' Novembru, 2017. Eventwalment l-aġġudikazzjoni tat-tender isir dak inhar stess filgħaxija, sabiex jirrakkomanda lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku u l-membri kollha qablu unanimament.

Fis-6.35 ta' filgħaxija, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa.

IFFIRMATA
Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA
Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv